MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Numru. 355/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**vs**

**Peter Gerada**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Peter Gerada ta' 33 sena, bin George Gerada u Rita xebba Vella, mwieled Pieta' nhar is-7 ta' Gunju 1976 u residenti Siver Birch Flat 1 New Street in Triq Mula, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita' numru 312876(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(A) Nhar it-30 t'Ottubru 2008, ghall-habta ta' 12:30hrs fi Triq Hal-Mula Zebbug, Malta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u

cioe' vettura ta' l-ghamla Bedford Astra b'numru ta' registrazzjoni EAC 942 ghad-detriment ta' George Falzon.

(B) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Falzon kif iccertifika Dr. Michael Asciak detentur tal-karta tal-identita' numru 717759(M) mic-centru tas-sahha Furjana.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta' Malta ghas-sigurta' ta' George Falzon.

Rat l-atti kollha ta' dan il-prodediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' April 2010 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-1 ta' Dicembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 325 u 221 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum that il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------